# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' April 2016**

**Numru 19**

**Rikors numru 126/99 JRM**

**John Mary sive Jimmy u Josephine Vella**

**v.**

**Customs Agency Limited u b'digriet tas-7 ta' Marzu 2001, isem il-kumpannijja ghandu jibda jaqra Customs and Freight Limited**

**Il-Qorti:**

Preliminari;

Illi dan huwa appell ad istanza tas-socjeta` konvenuta mis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2012, li permezz tieghu qed titlob lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata fis-sens li tichad it-talbiet attrici u fil-kaz li ma taghmilx dan, tnaqqas l-ammont li l-

istess appellanti ghandha tkun ikkundannata thallas.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti qeghda tigi hawnhekk riprodotta fl-intier taghha:

"**Il-Qorti:**

"Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-19 ta' Jannar, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din l-Qorti (i) ssib li l-kumpannija mħarrka kienet taħti lejhom għad-danni li ġarrbu minħabba fid-dewmien fit-twassil ta' konsenja ta' kunsinna ta' frott minn Sqallija għal Malta u l-ħsara li ġarrbet l-imsemmija kunsinna; (ii) tillikwida d-danni li huma ġarrbu minħabba l-imsemmi nuqqas u dewmien; u (iii) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallashom id-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali "mill-jum tal-akkadut tad-danni stante illi hija materja kummerċjali" sal-jum tal-ħlas effettiv;

"Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fit-30 ta' April, 1999, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi ċaħdet li l-attur ġarrab xi danni bi ħtija tagħha. Hija qalet li mal-attur kellha biss kuntratt ta' ġarr u l-ftehim li sar bil-fomm mal-attur ma kienx jesponiha għad-danni li minnhom jilmintaw l-atturi. Iżżid tgħid li l-atturi kienu ntrabtu li joħorġu polza ta' assikurazzjoni biex tagħmel tajjeb għad-danni li jgħidu li ġarrbu, u dan in-nuqqas iridu jbatuh l-atturi u mhux hija;

"Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-21 ta' Frar, 2000[1], li bih ħalliet il-kawża *sine die*, liema ordni nbidel b'degriet tal-25 ta' Frar, 2000, wara talba li saret mill-atturi b'rikors tagħhom tat-23 ta' Frar;

"Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

"Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri mressqa mill-kumpannija mħarrka fit-30 ta' Marzu, 2004[2], li biha laqgħet ukoll għall-azzjoni attriċi billi qalet li hija ma kenitx il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi billi hija aġixxiet biss bħala aġent tas-soċjeta' speditriċi barranija DeWachter GT, li taħdem taħt l-isem ta' G & T Trans, li tagħha l-kumpannija eċċipjenti kienet ukoll aġent. Żiedet tilqa' billi tgħid li l-ġarr tal-frott mertu tal-każ kien regolat mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-Ġarr Internazzjonali tal-Merkanzija bit-Triq, ladarba l-frott telaq minn Stat firmatarju. U qalet ukoll li, taħt l-artikolu 17(2) tal-imsemmija

[1] Paġ. 19 tal-proċess
[2] Paġ. 155 tal-proċess

Konvenzjoni, hija ma setgħet titqies qatt responsabbli għal danni jew ħsarat li ma kellha l-ebda kontroll fuq il-kawża għaliex seħħew;

"Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet (reġistrata);

"Rat l-atti kollha tal-kawża;

"Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

"***Ikkunsidrat:***

"Illi din hija azzjoni għad-danni minħabba ħsarat f'merkanzija li twasslet b'dewmien. L-atturi jgħidu li kienu xtraw konsenja ta' frott u basal minn ditta fi Sqallija u qabbdu lill-kumpannija mħarrka biex iġġorrielhom lejn Malta. Minħabba li l-konsenja damet ma nġabret mingħand id-ditta speditriċi, u waslet madwar għaxart (10) ijiem tard milli kien miftiehem, l-atturi jgħidu li l-biċċa l-kbira mill-konsenja kienet tħassret u jew intremiet jew inbiegħet bi prezz baxx. Iridu li l-kumpannija mħarrka tagħmel tajjeb għall-ħsara li ġarrbu;

"Illi l-kumpannija mħarrka laqgħet għal din l-azzjoni billi ċaħdet li l-attur ġarrab xi danni bi ħtija tagħha. Hija qalet li mal-attur kellha biss kuntratt ta' ġarr u l-ftehim li sar bil-fomm mal-attur ma kienx jesponiha għad-danni li minnhom jilmintaw l-atturi. Żiedet tgħid li l-atturi kienu ntrabtu li joħorġu polza ta' assikurazzjoni biex tagħmel tajjeb għad-danni li jgħidu li ġarrbu, u dan in-nuqqas iridu jbatuh l-atturi u mhux hija. Aktar 'il quddiem ressqet eċċezzjonijiet oħrajn fejn qalet li hija ma kenitx il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi billi hija aġixxiet biss bħala aġent tas-soċjeta' speditriċi barranija DeWachter GT, li taħdem taħt l-isem ta' G & T Trans, li tagħha l-kumpannija eċċipjenti kienet ukoll aġent. Żiedet tilqa' billi tgħid li l-ġarr tal-frott mertu tal-każ kien regolat mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-Ġarr Internazzjonali tal-Merkanzija bit-Triq, ladarba l-frott telaq minn Stat firmatarju. U qalet ukoll li, taħt l-artikolu 17(2) tal-imsemmija Konvenzjoni, hija ma setgħet titqies qatt responsabbli għal danni jew ħsarat li ma kellha l-ebda kontroll fuq il-kawża għaliex seħħew;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attur imexxi negozju ta' bejgħ bl-ingrossa[3] ta' frott u ħxejjex bl-isem ta' *Attard Fruit Supplies*. Fost l-attivitajiet li jwettaq l-imsemmi negozju hemm dak li jġib f'Malta frott u ħxejjex minn barra. F'Settembru tal-1998, l-attur stieden f'Malta rappreżentant ta' ditta Sqallija li tesporta frott u ħxejjex u li magħha kien ilu jagħmel negozju. F'jum minnhom, saret laqgħa f'lukanda f'San Pawl il-Baħar bejn l-attur, l-imsemmi rappreżentant (jismu Salvatore Trovato) u Kevin Attard, li kien issejjaħ għal-laqgħa bħala rappreżentant tal-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "C&F"). Dak inhar sar ftehim li C&F kellha ġġor lejn

[3] Xhieda tiegħu 18.1.2001, f'paġ. 78 tal-proċess

Malta konsenja ta' frott u basal mingħand id-ditta *Giuseppe Trovato & Figlio s.n.c.*;

"Illi dak inhar Attard aċċetta li jġorr il-merkanzija fi *groupage container* u sar qbil ukoll dwar ir-rata ta' ħlas fis-somma ta' ħamsa u erbgħin lira Maltin (Lm 45) għal kull *pallet.* Ma sarx ftehim bil-miktub f'dik il-laqgħa, iżda Attard wiegħed li jiġbor il-konsenja mingħand Trovato f'Acireale u jwassalha Malta l-għada jew, l-iżjed, fi żmien jumejn. Trovato lestiet il-konsenja għall-ġbir fil-25 ta' Settembru, 1998, u ħarġet fattura. Il-konsenja kienet tikkonsisti f'mitejn u sittax-il (216) kaxxa lanġas, sitta u disgħin (96) kaxxa noċepriska, erbgħin (40) kaxxa għeneb iswed, tnejn u erbgħin (42) kaxxa basal u tnejn u disgħin (92) kaxxa għeneb abjad. Kollha kienu stivati fuq seba' (7) *pallets*;

"Illi C&F qabbdet ditta Belġjana bl-isem ta' *De Wahter GT* biex tipprovdilha meżż (*reefer container*) ħalli jġorr fiha l-konsenji tal-klijenti tagħha, fosthom dik tal-atturi. Din kienet l-ewwel darba li C&F qabbdet lill-imsemmija ditta biex tipprovdilha servizz[4], u kienet daħlet f'rabta magħha bi prova għal żmien xahrejn[5]. Il-konsenja li kellha tintbagħat lill-attur ma nġabritx dak inhar li kien miftiehem. Trovato qegħeditha fi *store* imkessaħ ħalli ma titħassarx, iżda imponiet ħlas fuq l-atturi għal kull jum aktar li l-konsenja nżammet għandha. Fis-26 ta' Settembru, 1998[6], C&F bagħtet tgħarraf lill-attur li nqalgħu problemi bil-vettura li kellha tiġbor il-konsenja mingġand Trovato u li l-ħsieb kien li din tinġabar fit-28 ta' Settembru u titwassal Malta l-għada. Jumejn wara, C&F kitbet lil Trovato u għarrfitha li l-vettura kienet għadha maqbuda Reggio Calabria bil-ħsara[7];

"Illi fit-30 ta' Settembru, 1998, l-atturi bagħtu ittra legali lil C&F biex iżommuha responsabbli għad-dewmien fil-konsenja[8]. Fl-1 ta' Ottubru, 1998, Trovato ħarġet fattura aġġornata għall-konsenja[9], liema fattura l-attur ħallas dak inhar[10];

"Illi fil-5 ta' Ottubru[11], C&F bagħtet tgħarraf lill-attur li l-konsenja kienet tgħabbiet u kellha tasal Malta abbord il-bastiment *M.v. Delos Express*. Malli l-konsenja tgħabbiet mingħand Trovato għal fuq il-vettura mibgħuta minn C&F, inħarġet id-debita *International Consignment Note*[12]*.* Fil-fatt, il-konsenja waslet Malta fis-6 ta' Ottubru, 1998, u l-*container* ittieħed fid-depot ta' Ħal Far. Dak inhar, l-awtoritajiet doganali u tas-saħħa taw il-kunsens tagħhom għar-rilaxx tal-konsenja,

[4] Affidavit ta' Kevin Attard 26.2.2002, f'paġ. 116 tal-proċess
[5] Dok "A17", f'paġ. 50 tal-proċess
[6] Dok "A1", f'paġ. 33 tal-proċess
[7] Dok "A2", f'paġ. 34 tal-proċess
[8] Dok "B", f'paġ. 7 tal-proċess
[9] Dok "A7", f'paġ. 39 tal-proċess
[10] Dok "A8", f'paġ. 40 tal-proċess
[11] Dok "A10", f'paġ. 42 tal-proċess
[12] Dok "KA1", f'paġ. 120 tal-proċess

wara li l-attur ħallas id-drittijiet kollha dovuti[13] Minħabba li nqalgħet kwestjoni bejn l-attur u C&F minħabba d-dewmien, u billi C&F saħqet li kellu jsir il-ħlas tan-noll qabel tawtorizza r-rilaxx[14], il-konsenja twasslet lill-atturi fit-8 ta' Ottubru, 1998. Dak inhar, l-atturi ħatru persuna bħala *surveyor* biex tagħmel rapport dwar il-kundizzjoni tal-konsenja hekk kif tniżżlet mill-*container*[15].

"Illi l-atturi fetħu din il-kawża fid-19 ta' Jannar, 1999;

"Illi l-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet legali dwar il-każ billi tqis l-eċċezzjonijiet ulterjuri ta' C&F li, għalkemm imressqa lejn l-aħħar tas-smigħ tal-kawża, kien ilhom li ssemmew f'verbal li sar quddiem il-Qorti (diversament presjeduta) sa minn Mejju tal-2001[16];

"Illi l-ewwel waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet hija li **C&F m'hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi** għaliex hija mxiet biss bħala aġent tas-soċjeta' De Wahter u mhux f'isimha meta aċċettat li ġġorr il-merkanzija ordnata mill-attur. L-atturi jikkontestaw din id-dikjarazzjoni;

"Illi hija regola ewlenija fid-dritt dwar l-effett tal-obbligazzjonijiet, li wieħed jitqies li wiegħed jew ftiehem għalih innifsu[17], sakemm il-kuntrarju ma jkunx stabilit espressament mil-liġi, jew mill-partijiet infushom, jew jekk il-ftehim innifsu ma jgħidx mod ieħor. Minbarra dan, fi ftehim magħmul minn persuna f'isimha, hija dik il-persuna li tintrabat jew tobbliga ruħha[18]. Huwa wkoll aċċettat li l-piż tal-prova li min ikkuntratta jkun għamel hekk f'isem ħaddieħor jaqa' fuq min jagħmel allegazzjoni bħal din[19], u f'każ ta' dubju, il-mandat għandu jiġi eskluż u applikati l-prinċipji ewlenin fuq imsemmija, fosthom u mhux l-anqas dak li l-kuntratti għandhom jiġu segwiti bil-bona fidi[20];

"Illi fil-każ tal-lum, ma ntweriex li C&F kienet tassew daħlet għall-kuntratt ta' ġarr bħala aġent ta' xi prinċipal. Mhux biss tali prinċipal qatt ma ssemma qabel ma ntlaħaq il-ftehim, iżda lanqas meta l-ġarr tal-konsenja ttardja ma ssemma b'ismu xi prinċipal jew li C&F ma kenitx qiegħda tidher f'isimha. Huwa rilevanti li jingħad li fil-komunikazzjonijiet li Kevin Attard għamel kemm lill-attur u kif ukoll lil Trovato fil-jiem meta l-konsenja ma kenitx għadha nġabret għall-ġarr[21], qatt ma mqar aċċenna li C&F kienet qiegħda taġixxi bħala aġent jew li hi ma kenitx it-trasportatriċi tal-merkanzija. Kien biss f'Novembru tal-1998[22], li Attard isemmi l-ewwel darba li kien qed

[13] Dok "PZ1", f'paġġ. 101 – 3 tal-proċess
[14] Dok "A12", f'paġ. 44 tal-proċess
[15] Dok "A", f'paġġ. 5 – 6 tal-proċess
[16] Paġ. 63 tal-proċess
[17] Art. 998 tal-Kap 16
[18] Art. 999(1) tal-Kap 16
[19] Kumm. **27.4.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċilia noe vs Scicluna*** (Kollez. Vol: **LXXVI.iv.673**)
[20] Art. 993 tal-Kap 16
[21] Ara Dokti "A1" sa "A3", f'paġġ. 33 – 5 tal-proċess
[22] Ara Dok "A17", f'paġ. 50 tal-proċess

jaġixxi bħala aġent, u l-allegata d-ditta li jsemmi lanqas ma hija De Wahter, imma jagħti isem ieħor (G & T Trans) li jirreferi għal ditta li lanqas biss ma hija domiċiljata fil-Belġju (fejn suppost kienet ibbażata De Wahter) imma fl-Olanda. L-allegazzjoni ta' Kevin Attard, fl-affidavit tiegħu, li l-atturi kienu mgħarrfa b'dan kollu f'kull waqt tal-proċess tal-ġarr tal-merkanzija hija, għalhekk, kontradetta mill-provi dokumentali nfushom li saru fiż-żmien rilevanti tal-ġrajja kollha;

"Illi, minbarra dan, din l-eċċezzjoni tidher li tistona mat-tielet eċċezzjoni (oriġinali) tal-istess C&F fejn hija nnifisha tgħid li kellha "kuntratt ta' trasport konklż verbalment mal-attur" bla ma mqar aċċennat li dan kienet għamlitu f'isem ta' ħaddieħor;

"Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tibqa' tal-fehma sħiħa li C&F intrabtet mal-atturi f'isimha proprju u kienet hi t-trasportatriċi tal-merkanzija ordnata mill-atturi. Għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri hija tajba u mhix sejra tilqagħha;

"Illi għar-rigward tat-**tieni u t-tielet eċċezzjonijiet ulterjuri** għandu jingħad li bejn l-atturi u C&F ma kien sar l-ebda ftehim bil-miktub meta din tqabbdet biex iġġorrilhom il-merkanzija minn Sqallija għal Malta. Għalkemm hemm xi deċiżjonijiet li jgħidu[23] li r-Regoli tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar il-Ġarr Internazzjonali tal-Merkanzija fuq it-Triq (CMR tad-19 ta' Mejju, 1956) jgħoddu biss jekk kemm-il darba l-partijiet jiftehmu espressament li dan ikun jgħodd, fil-każ tal-lum, il-Qorti ma jidhrilhiex li dan il-fatt se' jagħmel differenza għal dak li hija l-kwestjoni tar-responsabbilta li torbot lil C&F bħala trasportatriċi. Huwa minnu li fiż-żmien tal-ftehim tal-ġarr tal-konsenja ordnata mill-atturi id-dispożizzjonijiet ta' dik il-Konvenzjoni ma kenux jagħmlu parti mil-liġi ta' Malta[24], iżda l-International Consignment Note li bis-saħħa tagħha C&F intrabtet li ġġorr il-merkanzija mertu tal-każ tagħmilha ċara li kienet inħarġet taħt is-setgħat tal-imsemmija Konvenzjoni. F'kull każ, l-applikazzjoni tal-imsemmija Konvenzjoni għall-każ hija, fil-fehma tal-Qorti, ċirkostanza li tirregola l-kriterji tar-responsabbilta' li C&F kellha fil-ġarr f'waqtu tal-merkanzija tal-atturi;

"Illi f'dan ir-rigward, tajjeb li jissemma l-artikolu 3 tal-imsemmija Konvenzjoni li jrid li "*For the purposes of this Convention, the carrier shall be responsible for the acts or omissions of his agents and servants and of any other persons of whose services he makes use for the performance of the carriage, when such agents, servants or other persons are acting within the scope of their employment, as if such acts or omissions were his own*". Fil-każ tal-lum, C&F qabbdet ditta barranija – bi prova – biex iġġorr il-merkanzija tal-atturi. Il-ħatra tal-istess ditta ma tnaqqas xejn mir-rabta li C&F kellha mal-atturi fil-ftehim milħuq għall-ġarr tal-merkanzija tagħhom. C&F baqgħet dejjem

[23] Ara, per eżempju, App. Kumm. **27.12.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima noe vs Mifsud noe*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.648**

[24] Iddaħħlet fis-seħħ bis-saħħa tal-Att XI tal-2006 (Kap 486)

responsabbli mal-atturi li twettaq dak il-ftehim fiż-żmien u bil-għaqal li kien jistħoqqlu;

"Illi C&F tgħid, fit-tielet eċċezzjoni ulterjuri tagħha, li l-ħtija li seta' kellha għad-dewmien fit-twassil tal-merkanzija lill-atturi tneħħiet minħabba li dak li ġara kien lil hinn mill-kontroll tagħha. F'dan ir-rigward, hija tirreferi espressament għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17(2) tal-Konvenzjoni li jiprovdi li: "*The carrier shall, however, be relieved of liability if the loss, damage or delay was caused by the wrongful act or neglect of the claimant, by the instructions of the claimant given otherwise than as the result of a wrongful act or neglect on the part of the carrier, by inherent vice of the goods or through circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent.*" Mill-provi mressqa u mis-sottomissjonijiet magħmula jidher li C&F tisħaq fuq il-fatt taċ-ċirkostanza inevitabbli, jew tal-forza maġġuri jew tal-każ fortuwitu. Dan tgħid li ġara minħabba l-ħsara fil-vettura li kellha tiġbor il-merkanzija mingħand Trovato f'Acireale u ġġorrha lejn Malta;

"Illi l-Qorti ma ssibx li din l-iskuża hija tajba biex teħles lil C&F mir-responsabbilta' tagħha lejn l-atturi. Fl-ewwel lok, l-imsemmija Konvenzjoni tagħmilha ċara, fl-artikolu 17(3), li "*The carrier shall not be relieved of liability by reason of the defective condition of the vehicle used by him in order to perform the carriage, or by reason of the wrongful act or neglect of the person from whom he may have hired the vehicle or of the agents or servants of the latter*". Fit-tieni lok, il-fatt waħdu li vettura li tkun tħaddmet mit-trasportatur tkun ġarrbet ħsara waqt il-vjaġġ ma tqiesx waħdu bħala raġuni tajba biex l-istess trasportatur ineħħi minn fuqu l-madmad tar-responsabbilta' mistenni minnu fil-ġarr taħt il-Konvenzjoni, għaliex ilħsara f'vettura la hija meqjusa bħala ġrajja ta' forza maġġuri u wisq anqas ta' każ fortuwitu[25]. Fit-tielet lok, biex trasportatur iseħħlu jeħles mir-responsabbilta' għat-telf jew għad-dewmien tal-ġarr tal-merkanzija, il-piż tal-prova għal tali eżoneru huwa wieħed qawwi li jmur lil hinn mis-sempliċi nqqas ta' traskuraġni jew tat-teħid tal-prekawzjonijiet li s-soltu jsiru. F'dan ir-rigward, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha ttawwal dwar dan l-aspett iżjed milli tirreferi għal deċiżjonijiet studjati li fissru sewwa dawn iċ-ċirkostanzi[26];

"Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, l-Qorti tasal għall-fehma li d-dewmien ikawżat fil-ġarr u t-twassil tal-merkanzija ordnata mill-atturi kienet taħti għalihom C&F minħabba organiżżazzjoni mhux għaqlija u effiċjenti tal-mezzi tal-komunikazzjoni u tal-organiżżazzjoni tal-operazzjonijiet tagħha[27]. Dan iwassal lill-

---

[25] P.A. GV **29.10.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance Agency Limited noe et vs Fahrenheit Freight Forwarders Co. Ltd*** (konfermata fl-Appell fil-**25.5.2007**)

[26] Ara, per eżempju, P.A. RCP **3.5. 2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Atlas Insurance PCC Ltd pro et noe vs Falcotrans Ltd*** (mhux appellata) u P.A. RCP **30.11.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Middlesea Insurance plc noe vs Express Trailers Ltd*** (appellata)

[27] Ara f'dan ir0rigward, ix-xhieda ta' Alex Caruana 16.12.2003, f'paġġ. 144 – 6 tal-proċess

Qorti għall-fehma li lanqas it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet ulterjuri ma huma tajba u għalhekk m'humiex sejrin jintlaqgħu;

"Illi għal **dak li jirigwarda l-pretensjonijiet attriċi fil-mertu** ma għandux ikun hemm wisq diffikulta' biex jirriżulta li l-merkanzija twasslet wara ż-żmien miftiehem. Dan jixhduh il-provi dokumentali nfushom imressqa miż-żewġ partijiet. Minbarra li d-dewmien fih innifsu jnissel responsabbilta' fuq it-trasportatur u jikkostitwixxi sura ta' inadempiment kuntrattwali, ħareġ ukoll li biċċa sewwa mill-frott li ġabu l-atturi kien laħaq mar sakemm twassal għandhom, filwaqt li l-basal, għalkemm salvat wara li qagħdu jnixxfuh, kellhom ibiegħuh bil-prezz li xtrawh;

"Illi dawn iċ-ċirkostanzi m'għandhom iħallu l-ebda dubju li l-atturi tassew ġarrbu dannu minħabba dak li ġara u li, kif issemma aktar qabel, dak li ġara trid twieġeb għalih C&F u l-ebda ħaddieħor;

"Illi għalhekk l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa u sejra tintlaqa', filwaqt li l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet sejrin, għall-istess raġunijiet, jitwarrbu bħala mhux tajbin;

"Illi dwar id-dannu mġarrab mill-atturi, dawn qabbdu *surveyor* minnufih u li kien preżenti meta l-merkanzija nħattet mill-*container* u dan wettaq eżerċizzju dettaljat u mfisser tajjeb tal-qagħda li irriżultat mal-ħatt[28]. Bl-istess mod, l-atturi ressqu dokumentazzjoni biex juru kif illikwidaw il-ħsara li ġarrbu u taw dettalji u osservazzjonijiet spjegattivi biex juru kif waslu għas-somma pretiża[29];

"Illi C&F tipprova xxejjen dawk il-pretensjonijiet billi tgħid li ma tressqux provi tajbin biżżejjed dwar kemm, fil-fatt, mill-konsenja kellha tintrema u kemm mill-istess konsenja l-atturi seħħilhom ibiegħu. F'ħin minnhom nisslet l-argument li l-attur twebbel li saħansitra l-ħsara fil-merkanzija kienet tisboq il-mija fil-mija (100%) tal-konsenja kollha. Ressqet ukoll l-argument li l-attur ma messux mar jaħraġ il-frott imħassar fl-għalqa tiegħu iżda messu ħadu lMagħtab biex b'hekk ikun jista' jieħu lura l-*levy* li ħallas. Laqgħet ukoll billi qalet li l-atturi jaħtu huma stess għal dak li ġralhom, għaliex naqsu li joħorġu polza ta' assikurazzjoni biex tkopri l-ġarr u l-konsenja tal-merkanzija li ordnaw. Ilmentat ukoll mill-fatt li wħud mill-ispejjeż prospettati (per eżempju, n-nefqa tas-*survey*) ma humiex danni fil-veru sens tal-kelma, iżda nefqiet li l-atturi xorta waħda kellhom jagħmlu f'kull każ;

"Illi l-Qorti ssib li r-raġunijiet miġjuba minn C&F ma jiswewx fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Minbarra dan, lanqas jgħodd l-argument tan-nuqqas ta' ħruġ ta' polza ta' assikurazzjoni, ladarba dan ma kienx miftehem bejn il-partijiet u ladarba, kieku tassew inħarġet tali polza, C&F xorta waħda kienet passibbli li twieġeb għan-nuqqasijiet tagħha lill-assikuraturi tal-atturi. B'hekk, f'dak li jirrigwarda r-

[28] Affidavit ta' Mario Gafa' 7.3.2001, f'paġ. 58 tal-proċess
[29] Dok "A18", f'paġġ. 56 – 7 tal-proċess

responsabbilta' tagħha, ma kien ikun hemm l-ebda differenza. Dwar in-nefqiet l-oħrajn, jgħodd l-istess argument. Il-fatt hu li l-atturi daħlu fin-nefqa kollha għaliex riedu jagħmlu negozju li kellu jitwasal f'ħinu u f'kundizzjoni tajba u huwa sewwasew minħabba f'dak in-nuqqas li l-investiment li riedu jagħmlu sfalhom fix-xejn. Dan it-telf trid tagħmel tajjeb għalih C&F;

"Illi jibqa' biss il-kwestjoni tal-parti tat-talba attriċi li titlob il-ħlas tal-ispejjeż tas-*survey*. Il-Qrati tagħna f'kawżi bħal dawn, normalment, iqisu dawn l-ispejjeż minfuqin biex isir rapport ta' *surveyor* bħala ħlas meħtieġ biex jista' jiġi stabilit id-dannu mġarrab mill-assikurat[30]. Minbarra dan, huwa stabilit ukoll li l-ispejjeż tas-*survey* iridu jkunu relatati mal-volum ta` merkanzija li tirriżulta danneġġata b`nuqqasijiet jew ħsarat. Dan għaliex hija biss dik il-parti tal-imsemmija spejjeż li tkun meħtieġa biex wieħed jara kemm kienet kbira l-entita' tad-dannu mġarrab mill-assikurat[31]. Fil-każ tal-lum, ħareġ li l-biċċa l-kbira talmerkanzija kienet difettuża minħabba d-dewmien u, fuq kollox, kien jeħtieġ eżami b'reqa tal-konsenja kollha biex ikun stabilit tassew kemm kienet kbira l-ħsara mġarrba. Għalhekk, il-Qorti qiegħda tqis li dik in-nefqa wkoll imissha titqies bħala biċċa mid-danni mġarrba mill-atturi;

"Illi, wara li saru dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda tillikwida d-danni mġarrba mill-atturi fis-somma ta' tmint elef u tmintax-il ewro (€ 8,018) liema danni għandha tagħmel tajjeb għalihom C&F;

"Illi, għalhekk, it-tieni u t-tielet talbiet attriċi qegħdin jintlaqgħu, filwaqt li l-Qorti m'hijiex qiegħda tilqa' r-raba', l-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet ta' C&F;

"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

"**Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha** tal-kumpannija mħarrka għaliex m'humiex mistħoqqa, la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

"**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-kumpannija mħarrka taħti lejn l-atturi għad-danni li huma ġarrbu bid-dewmien fil-konsenja ta' frott u ħxejjex li l-istess kumpannija mħarrka ntrabtet magħhom li ġġor minn Sqallija lejn Malta;

"**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrba mill-atturi fis-somma ta' tmint elef u tmintax-il ewro (€ 8,018);

"**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-atturi s-somma hekk likwidata ta' tmint elef u tmintax-il ewro

---

[30] App. Ċiv. **15.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef Stafraċe noe vs Abela noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.147)**

[31] App. Ċiv. **30.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Robert Staines noe vs James Gollcher noe et***

(€ 8,018), flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

"**Tordna wkoll** li l-kumpannija mħarrka tħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**

Fir-rikors tal-appell taghha s-socjeta` konvenuta appellanti (fol 180) talbet kif gia` issemma' illi din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata u elenkat s-segwenti aggravji:

"1. Interpretazzjoni u konkluzjoni zbaljata dwar l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta` konvenuta u l-inkarigu ta' l-istess konvenuta bhala Agent ta' Socjeta` Estera;
"2. Nuqqas serju ta' konsiderazzjoni prudenti u adegwat tal-provi u mankanza ta' applikazzjoni tar-regoli kardinali dwar l-Evidenza fil-kamp Civili;
"3. Nuqqas totali ta' konsiderazzjoni ta' l-Obbligu ta' Minimizzazzjoni tad-Danni;
"4. Konkluzjoni zbaljata dwar in-Ness kawzali;
"5. Nuqqas assolut ta' konsiderazzjoni ta' Negligenza Kontributorja".

Imbaghad fir-risposta taghha s-socjeta` attrici appellata irrespingiet il-kontenut tar-rikors tal-appell, u talbet il-konferma tas-sentenza.

Il-Qorti ghalhekk, rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Marzu 2016 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell u ikkonsidrat;

## AGGRAVJI TAS-SOCJETA` KONVENUTA

**L-ewwel aggravju** tal-appellanti huwa li skont hi, il-Qorti kellha tilqa' l-eccezjoni ulterjuri taghha u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex hija agixxiet bhala agent ta' socjeta` estera u kwindi ma kellhiex

tigi citata f'isimha. L-ewwel Qorti warrbet din l-eccezzjoni kif gia` issemma'.

Din il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjoni tal-istess Qorti ghal aktar minn raguni wahda. L-istess direttur tas-socjeta` appellanti innifsu xehed illi huwa kien informa lill-attur li kien se jutilizza s-servizzi ta' socjeta` Belgjana u allura dan ifisser li kien se jaghti subappalt lil din is-socjeta` u mhux li kienet qed tagixxi bhala agent taghha; u kif sewwa innotat l-ewwel Qorti, hemm inkonsistenza bejn dak li qal l-istess Kevin Attard f'Novembru 1998 fejn qal li kien qed jirreferi ghal ditta Olandiza u dik id-dikjarazzjoni appena imsemmija. Din il-Qorti taqbel ukoll mal-ewwel Qorti illi din l-eccezzjoni ma hijiex wisq konformi mat-tielet eccezjoni originali tal-appellanti li hija kellha biss kuntratt verbali ta' garr mal-attur, minghajr ma taccenna ghal ebda forma ta' rapresentanza ta' socjeta` ohra. Jidher allura li din l-eccezzjoni ulterjuri s-socjeta` appellanta *qalghetha* meta rat li l-andament procedurali tal-kawza ma kienx jidher favorevoli ghaliha.

**It-tieni aggravju** jirrigwardja l-ezami u l-apprezzament tal-provi migbura; l-appellanti ssostni li skont id-dettami tal-procedura taghna l-atturi kellhom jipprovaw li sofrew id-danni u l-kwantum tal-istess.

Ghandu jinghad mill-ewwel li ghal appuntu dak li huwa apprezzament tal-fatti, din il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li:

> *"Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor'.*

Din il-Qorti pero' tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u, barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja. (**Attard et v. Direttur tas Sahha, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014).**

Il-Qorti taqbel mal-appellanti illi min jallega jrid jipprova jew – "*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat'* kif jghid car u tond l-Artiklu 562 tal-Kodici tal-Procedura u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (**Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim'Awla 31 ta' Mejju 1972 u Peter Paul **Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995). Izda kull ma gara fil-kaz in ezami kien li wara li l-prova mressqa mis-

socjeta` attrici giet ribattuta mill-prova mressqa mis-socjeta` konvenuta appellanti l-Qorti kienet konvinta mill-verzjoni tas-socjeta` attrici appellata – apprezzament tal-provi li zgur mhux se tkun din il-Qorti li tiddisturba meta l-provi semghethom l-ewwel Qorti.

L-appellanti jilmentaw li r-rapport ex parte tas-surveyor, esebit mill-appellati, huwa datat 12 ta' Ottubru 1998 meta l-merkanzija giet spezzjonata fit-8 ta' Ottubru 1998. Din il-Qorti ma tifhimx ghaliex is-socjeta` appellanti qed issemmi dan il-fatt fir-rikors tal-appell taghha. Huwa naturali li rapport ikun datat ftit granet wara li tkun saret l-ispezzjoni. Il-Qorti taqbel ukoll mal-appellati li l-ilment li s-socjeta` appellanti ma kellhiex kontroll fuq l-istorage fil-jumejn bejn ir-rilaxx u l-ispezzjoni huwa irrilevanti ghall-esitu tal-kawza, u anke rigward il-lanjanza tal-appellanti li una volta l-ufficjali tad-Dwana u d-dipartiment tal-Agrikoltura irrilaxxaw il-merkanzija jfisser illi l-istess merkanzija kienet tajba. Jirrizulta infatti li l-merkanzija kienet parzjalment tajba u allura kien jaghmel sens li tigi rilaxxata biex jigi salvat dak li seta' jigi salvat.

Kwantu ghall-ilmenti l-ohra taht il-kappa ta' dan l-aggravju din il-Qorti taqbel ukoll mal-appellati; jirrizulta infatti li ladarba l-merkanzija giet rilaxxata, ma kienx hemm lok li l-ufficjali inkarigati jkunu presenti ghad-distruzzjoni tal-oggetti u allura qatt ma setghet tingieb il-prova fir-rigward

bhal ma kien difficli li tingieb il-prova dwar l-oggetti ritornati mill-'hawkers' ladarba l-prova saret b'mod iehor. L-argumenti imbaghad dwar il-levy u t-telf ta' profitti ma humiex sostnuti mill-provi fis-sens li s-socjeta` appellanti kellha kull opportunita` tressaq il-provi biex tirribatti t-talba attrici fit-total taghha u hija naqset li taghmel dan.

Madankollu din il-Qorti taqbel li kellu jkun hemm it-tnaqqis ta' 10 fil-mija mis-somma mitluba peress li l-istess atturi ammettew li circa 10 fil-mija tal-merkanzija inbieghet. Ghalhekk is-somma totali ta' 8,018 euros issir 7,217 euros. Kwindi dan l-aggravju hlief ghal din l-ahhar lanjanza imsemmija, huwa respint.

**Fit-tielet aggravju** taghha s-socjeta` appellanti tghid l-appellati naqsu mid-dover taghhom illi jimminimizzaw id-danni kemm setghu; tallega li setghu applikaw ghal rifuzjoni tal-*levy* u li damu jumejn biex marru ghall-merkanzija meta kienu jafu li ma kienux mizmuma keshin.

Rigward il-kwistjoni tar-rifuzjoni tal-*levy* din il-Qorti ma tistax tippresumi li l-appellati kienu se jigu rifuzi dan l-ammont minghajr prova sufficjenti dwar dan. Is-socjeta` appellanti donnha qed titlob li l-Qorti tiehu l-kelma taghha ghaliex qed tghid hekk hi. Lanqas il-fatt li l-appellat Vella meta mistoqsi dwar dan qal li ma kienx jaf b'din il-procedura ma huwa bizzejjed biex isostni l-argument tal-appellanti. Kwantu imbaghad ghad-

dewmien ta' jumejn biex l-appellati marru jigbru l-merkanzija, jirrizulta mill-provi li fil-fatt dan id-dewmien huwa attribwibbli ghall-istess direttur tas-socjeta` appellanti illi talab hlas aktar minn dak miftiehem biex jaghti l-kunsens ghar-rilaxxar tal-merkanzija.

**Ir-raba' aggravju** jirrigwardja dak li l-appellanti jsejjah in-ness u l-kawzali tal-akkadut u d-danni subiti mill-appellati. L-ewwel nett tattakka l-kredibilita` tax-xhud Alex Caruana ghaliex skont hi, dan xehed kontra taghha ghaliex ma baqax impjegat taghha wara li gie ipprezentat affidavit tieghu f'sens kompletament differenti meta kien ghadu impjegat maghha.

F'dan ir-rigward din il-Qorti ma hix tal-fehma li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-prova imressqa tramite dan ix-xhud ghar-ragunjiet gia` espressi aktar qabel f'gurisprudenza kopjuza fil-materja. Kienet l-ewwel Qorti li semghet il-provi u din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tissostitwixxi l-apprezzament imsemmi. Is-socjeta` appellanti imbaghad tilmenta li d-dewmien sehh minhabba hsara fit-truck li gie adoperat fit-trasport tal-merkanzija u tghid li dan ma kienx tort taghha. Jekk dan huwa minnu, zgur li ma hux tort tal-appellati li kellhom kull dritt jistennew li l-merkanzija ordnata minnhom tasal fil-hin u minghajr hsara. Ghalhekk is-socjeta` appellanti ghandha twiegeb ghal dan id-dewmien.

L-appellanti taghmel ukoll riferenza fir-rikors tal-appell taghha, ghal xi prodotti ta' terzi li wkoll waslu tard u dawn it-terzi ma lmentawx maghha dwar hsarat izda dan ma hux argument li jista' jigi accettat minn din il-Qorti, ghaliex ma jistax jigi eskluz li dawn it-terzi ippreferew igorru huma l-hsarat u jista' jkun ukoll li l-hsarat taghhom kienu zghar jew addirittura fil-prodott taghhom ma kien hemm hsarat xejn.

Dan l-aggravju huwa allura respint ukoll.

Finalment, **fil-hames aggravju** taghha s-socjeta` appellanti terga' tilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ibbazat id-decizjoni taghha fuq ir-rapport tas-Surveyor 'ex parte' u fi kliemha, "injorat ghal kollox dettalji importanti li gew svelati".

Id-dettalji li ghalihom taghmel riferenza l-appellanti huma li l-bejjiegh fl-Italja ma ghandux mezzi ta' tkessih u l-fatt li l-attur appellant dam jumejn biex irtira l-merkanzija. Dwar dan l-ahhar ilment il-Qorti gia` esprimiet ruhha meta iddecidiet dwar ir-raba' aggravju u ma hemmx lok li terga' tesprimi ruhha. Kwandu ghar-responsabilita` tax-xerrej dan l-argument mhux suffragat mill-provi; anzi l-istess Kevin Attard direttur tas-socjeta` appellanti, permezz ta' ittra mibghuta fis-26 ta' Settembru 1998 lill-atturi (fol 33) mill-ewwel laqa' ruhu ghal dak li seta' jigri meta informahom li t-truck li kellu jwassal il-merkanzija ma wasalx fil-hin biex jaqbad il-vapur

dirett minn Reggio di Calabria lejn Malta u kellu minflok jaqbad dak li kellu jitlaq jumejn wara (28 ta' Settembru 1998).

Dan l-aggravju kwindi huwa wkoll michud.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqghu biss in kwantu s-somma li qed tillikwida bhala danni u li allura ghandha tithallas mis-socjeta` konvenuta lill-atturi, issir 7,217 euros bl-imghaxijiet kif gia` decizi u tichdu ghall-kumplament u kwindi tikkonferma l-kumplament tas-sentenza.

L-ispejjez tal-kawza jinqasmu hekk: tal-Prim Istanza a kariku kollha tas-socjeta` konvenuta; dawk tal-appell wiehed minn tmienja (1/8) ghall-appellati u sebgha minn tmienja (7/8) ghas-socjeta` appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb